IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru68 (tmienja u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Gimgħa, 4 ta' Jannar, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| **Assenti b' Apoloġija:** | |
| Il-Kunsillier | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

**68.1. Item Nru 68.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

68.1.1Il-Laqgħa bdiet fil-5.35pm u inqrat l-ittra ta' Apoloġija tas-Sur Joseph Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament li jittieħed bħala skużat.

**68.2 Item Nru 68.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti**

68.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**68.3 Item Nru 68.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku**

68.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li x-xogħol tal-madum ser ikun lest għada u ser issir tiswija fil-madum tal-bitħa għaliex qed iżomm l-ilma.

Is-Sur Valvo qal ukoll li x-xogħol tad-dawl tlesta ukoll u ser nibdew il-proċess biex napplikaw għal compliance mil-Planning Authority bil-Perit ta' Med Design.

Il-Kunsill qabel unanimament biex l-accessorji sanitarji u l-plakek u affarijiet oħra tad-dawl li kien responsabbli għalihom Schembri Barbros naraw fi tħallas minnhom u minħabba l-fatt li baqa ma rrispondiex nibdew proċedura legali sabiex naraw xi dritt għandna. Bħala Kunsill imbgħad inġibu stima ta' dawn minn xi mkien ieħor u nkomplu bl-installazzjoni.

Is-Sur Valvo qal li sar xogħol ta' livellar bil-gaffa quddiem il-multipurpose hall li ser ikun parti minn dan il-proġett biex eventwalment isir il-ground slab.

Is-Sindku qal li nhar is-16 ta' Diċembru kellna konferenza stampa fil-bandli mal-Onor. Silvio Parnis. Din kienet bħala preżentazzjoni tal-fondi tal-iskema Proġetti Kapitali sabiex jintużaw biex jiġi ffinixxjat il-Multipurpose Hall kif ukoll il-parti ta' quddiem il-Hall. Dawn il-fondi jammontaw għal 166,000. Ma dawn il-fondi kellna wkoll approvazzjoni ta' 45,000 oħra li kienu approvati fl-2017.

68.3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku qal li t-tender tar-rampa u ground slab reġa ħareġ għat-tieni darba u ser jgħalaq il-ġimgħa d-dieħla.

68.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill kiseb il-permess tal-Lands Authority u issa jonqos il-Permess tal-Planning Authority li diġa beda l-proċess għalih.

68.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie infurmat li l-fondi minn dan il-proġett ser jonqsu b' 5,000 għaliex kien hemm żewġ items fil-BOQs li mhux eleġibbli. Dawn kienu il-Contingency kif ukoll mobile toilets.

68.3.5 SSTP – Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill talab b'permezz ta' email biex issir laqgħa tal-Monitoring Committee pero għadna minajr risposta.

68.3.6 Skart – Is-Sindku qal li llum il-kien hemm il-ġabra tal-ħġieġ pero jidher li inqabżu ħafna toroq. Il-Kunsill qabel li niktbu dan l-ilment lil Daniel tal-Green Pak.

Mal-Green pak ukoll il-Kunsill qabel li nitolbu sabiex jitneħħew l-iskips tal-Bring in Site ta' Triq l-Ispnott kif ukoll nitolbu uffiċjalment ġabra oħra tal-iskart riċiklabbli bieb bieb u li possibilment issir nhar ta' Ġimgħa. Dan minħabba li minn meta bdiet il-ġabra tal-iskart organiku l-iskart riċiklabbli żdied ħafna.

Fuq dawn is-suġġetti kollha il-Kunsill qabel li tintgħalab laqgħa mal-Green Pak.

68.3.7 Mizura 4.4 Hitan tas-Sejjiegħ – Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-Kunsill beda l-proċess sabiex jinħareġ it-tender tal-ħitan tas-sejjiegħ.

68.3.8 Land Reclamation – Is-Sindku qal li bħal ma kulħadd jaf bħalissa għaddejin xniehat li ser isir land reclamation fix-Xgħajra. Is-Sindku qal li dan inqala' għaliex sar rapport mil-ERA u li gie ikkwotat parti minnu fuq il-gazzetti. Għalhekk is-Sur Valvo talab biex issir laqgħa mac-CEO tal-ERA. Minkejja li l-Kunsill kollu ma jaqbilx li issir land reclamation quddiem il-prominade tax-Xgħajra ikun għaqli li l-ewwel naraw x'fih ir-rapport. Kulħadd qabel ma dan.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696869
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

**68.4. Item Nru. 68.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

68.4.1 Is-Sinjura Borg staqsiet meta ser issir il-laqgħa mal-Kap tal-iskola u l-Assitenta. Dan għaliex hi għal żmien il-Milied marret mal-Kunsilliera Antonia Buttiġieġ u ħalliet materjal tal-kraft għal kompetizzjoni tal-Milied pero il-konkorrenza kienet waħda miżera għalhekk Doris talbet li tingħata lura l-materjal li ma ntużax.

68.4.2 Is-Sinjura Borg staqsiet jistgħux isiru żewġ bollard quddiem il-bus Shelter għaliex hemm periklu minħabba li faċċata hemm in-niżla ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Sindku qal li niċċekkjaw jistgħux isiru u filkas nagħmluhom.

68.4.3 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet jekk il-Monument tal-Ħelsien ta' quddiem il-knisja l-antika jistax jiġi rranġat biex ikun aktar pulit.

68.4.4 Is-Sinjura Buttiġieg staqsiet fuq it-trinka li kellha ssir fi Triq il-Fabbriki sabiex nevitaw il-problema tal-ilma li qiegħed joqodu quddiem id-djar.

68.4.5 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet ukoll dwar il-Belisha light is-Segretarju qallha li l-emails bir-reminders qiegħdin jiġu ċċirkulati mal-Kunsilliera u tal-Koptasin mhux qed iwieġbu. Is-Segretarju żied jgħid li l-bieraħ tkellem ma' Jesmond Farrugia tal-Koptasin bit-telefon u wiehed li ser issir dan ix-xahar.

**68.5. Item Nru 68.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

68.5.1 Ma kienx hemm rapporti

**68.6. Item Nru. 68.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

68.6.1 Is-Sindku qal li ser jibda xogħol ta' ristrutturat fil-Librerija u ser jinxtraw ukoll xkaffar u siġġijiet kif ukoll laptop parti mil-iskema tal-Libreriji. Kulħadd qabel ma dan.

**68.7. Item Nru. 68.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

68.7.1 Pagamenti b'numru 75 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

**68.8. Item Nru. 68.8 fuq l-Aġenda - *Performance Bonus* tal-Ħaddiema**

68.8.1 Is-Sindku ippreżenta l-performance Appraisal tal-ħaddiema tal-uffiċċju u irrakomanda li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* kollu ta' 10% u l-ħaddiema Josette Camillieri u Rita Said jingħataw il-massimu intitulati ta' 6%. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet issekondata mil-Viċi Sindku is-Sur Neil Attard u approvata b'mod unanimu mil-Kunsill.

**68.9. Item Nru. 68.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

68.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**68.10 Item Nru. 68.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

68.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.33pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 4 ta' Frar, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696869
E-Mail xghajra.lc@gov.mt